għall-villeġġatura. Missieri kien jikrilna post għas-sajf f'Tas-Sliema, li għadu jeżisti sa llum ħdejn il-Plaza Regency Hotel. Eżatt kif taqsam it-triq, kien hemm familja jagħmlu l-imqaret, jaqsmulek qalbek bir-riħa. Taħthom eżatt kien jeżisti razzett b'ħafna qasab, tassew ħelu u pittoresk. Dan illum spiċċa, minħabba li hawn sar ġnien u *playground*; hawn insibuh bħala l-*Exiles*. Niftakar kif wasalna f'dan il-post ta' villeġġatura, lil ħija ż-żgħir Vince, serrħuh ma siġġu wieqaf sakemm jisbarazzaw, u telaq jimxi waħdu! Dak iż-żmien kienet ħaġa ta' ferħ meta tarbija titlaq timxi, u skantaw; iz-zija Karmena qalet "Għad jitwieldu jitkelmu!". Hawn filgħaxija konna noħorġu passiġġata għall-frisk kif kienu jagħmlu ħafna familji oħrajn.

Fil-Ħdud, missieri kien jeħodna għand Vitor tal-Veċċa, f' San Pawl il-Baħar, għax kienet magħrufa għall fniek u spagetti tajbin. Lili l-inbid kienu jħalltuhuli *shandy* mal-luminata. Dak iż-żmien il-baħar kien kollu ċar daqs il-krisrtall. It-triq li tieħu għax-Xemxija u l-Armier kienet dejqa ħafna, bilkemm tgħaddi xarabank ta' llum. Filgħaxija kien jitla raġel mal-fanali tal-pitrolju jew żejt, bis-sellum, u jixghel id-dwal, għax f'dawk l-inħawi l-elettriku kien għadu ma wasalx. Wara l-ikel, meta nmorru nistrieħu, Vitor kienet tippompja l-isprej tal-Flit kontra d-dubbien, u tagħlaq il-kamra biex dawn imutu. Biex tisprejja kien ikolla landa ċilindru twil bil-bott ieħor imwaħħal miegħu li jimlewh bil-velenu, u fuqu kellu stampa ta' dubbiena. Għal-lum nieqfu hawn u nkomplu darb' oħra......................

**Nota Ta' Apprezzament**

Is-Sur Paul Portelli temm il-kitba tiegħu: "....u nkomplu darb' oħra.........." Iżda d-destin kiefer ried li din id-darb'oħra mhix se tasal. Is-Sur Portelli, li kien ukoll membru attiv tal-kumitat tal-Għaqda tal-Folklor miet fil- 5 ta' Ottubru 1994. Rappreżentanti tal-kumitat tagħna, waqt xita torrenzjali, marru jassistu għall-quddiesa u wkoll fiċ-ċimiterju. Paul kien sikwit jikteb fl-Imnara dwar l-esperjenzi tiegħu ta' l-imgħoddi u jipparteċipa f'wirjiet. Minbarra li nagħtu l-kondoljanzi tagħna lill familja tiegħu, niftakru fih ukoll fit-talb tagħna. R.I.P.

--------------------